MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Frar, 2015

Numru. 572/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Johann J Fenech]**

**vs**

**- omissis -**

**Jehiel Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jehiel Falzon detentur tal-karta tal-identita` numru 425493(M).

Akkuzat talli fis-26 t'April 2014 ghall-habta tal-16:00hrs gewwa Hal-Far:

1. Ikkommetta serq ta' oggetti mill-fabbrika Alexander Aluminium sitwata gewwa Hal-Far ghad-detriment tal-Malta Industrial Parks, liema serq hu aggravat bil-mezz, kif ukoll
2. Bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta` tal-istess Malta Industrial Parks.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex titratta mal-imputat bhala wiehed li kkommetta t-tali reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magt. Dr C Scerri Herrera LL.D., nhar l-20/04/13;

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 263(a), 266(1), 278 u 340 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Jehiel Falzon hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante r-refurtiva giet ritornata kollha lura u stante li l-imputat qieghed juri li verament qed jirriforma ruhu tant li sab xoghol, mhux ser taghti piena karcerarja izda tiddisponi billi tiddikjara illi s-sentenza fil-konfront tieghu datata 24 ta' April 2013 moghtija mill-Mag. C. Scerri Herrera terga' tibda tiddekorri mill-gdid.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------